

Brussell, 10 ta' Awwissu 2026  
(OR. en, fr)

12382/26

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2025/0429 (COD)**

---

**VOTE 53**  
**INF 231**  
**PUBLIC 63**  
**CODEC 1539**

**NOTA**

---

Suġġett: Riżultat tal-vot

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online

- Approvazzjoni tal-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
- Eżitu tal-proċedura bil-miktub konklużi fit-23 ta' Lulju 2026

---

L-eżitu tal-vot dwar l-att leġiżlattiv imsemmi hawn fuq jinsab fl-Anness 1 ta' din in-nota.

Dokument ta' referenza:

PE-CONS 14/26

Id-dikjarazzjonijiet u/jew l-ispeġazzjonijiet tal-votazzjoni jinsabu fl-Anness 2 ta' din in-nota.



## General Secretariat of the Council

Institution: **Council of the European Union**

Session:

Configuration:

Item: **2025/0429 (COD) (Document: 14/26)**Voting Rule: **qualified majority**

Subject: REGULATION OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL on a temporary derogation from certain provisions of Directive 2002/58/EC as regards the use of technologies by providers of number-independent interpersonal communications services for the processing of personal and other data for the purpose of combating online child sexual abuse

| Vote              | Members | Population (%) |
|-------------------|---------|----------------|
| Yes               | 25      | 95,26%         |
| No                | 1       | 2,11%          |
| Abstain           | 1       | 2,63%          |
| Not participating | 0       |                |
| Total             | 27      |                |

Sitting date: **23/07/2026**

Final result



| Member State    | Population (%)** | Vote | Member State  | Population (%)** | Vote |
|-----------------|------------------|------|---------------|------------------|------|
| BELGIQUE/BELGIË | 2,63             |      | LIETUVA       | 0,64             |      |
| БЪЛГАРИЯ        | 1,42             |      | LUXEMBOURG    | 0,15             |      |
| ČESKO           | 2,42             |      | MAGYARORSZÁG  | 2,11             |      |
| DANMARK         | 1,32             |      | MALTA         | 0,13             |      |
| DEUTSCHLAND     | 18,47            |      | NEDERLAND     | 4,02             |      |
| EESTI           | 0,30             |      | ÖSTERREICH    | 2,03             |      |
| ÉIRE/IRELAND    | 1,20             |      | POLSKA        | 8,29             |      |
| ΕΛΛΑΔΑ          | 2,30             |      | PORTUGAL      | 2,38             |      |
| ESPAÑA          | 10,86            |      | ROMÂNIA       | 4,21             |      |
| FRANCE          | 15,18            |      | SLOVENIJA     | 0,47             |      |
| HRVATSKA        | 0,86             |      | SLOVENSKO     | 1,21             |      |
| ITALIA          | 13,19            |      | SUOMI/FINLAND | 1,24             |      |
| ΚΥΠΡΟΣ          | 0,22             |      | SVERIGE       | 2,34             |      |
| LATVIJA         | 0,41             |      |               |                  |      |

\* When acting on a proposal from the Commission or the High Representative, qualified majority is reached if at least 55 % of members vote in favour (15 MS) accounting for at least 65% of the population

\*\* Indicative percentage of the population of the Union (%) . The qualified majority is calculated in accordance with the population figures adapted each year.

For information: <http://www.consilium.europa.eu/public-vote>

DIKJARAZZJONIJIET

**Dikjarazzjoni minn Franza**

L-awtoritajiet Franċiżi jtennu l-appoġġ tagħhom għall-oġettiv li jiġi miġġieled b'mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal imwettaq online u għall-istabbiliment ta' qafas legali adattat għall-isfidi tal-identifikazzjoni ta' tali kontenut.

Għalhekk, huma jilqgħu b'sodisfazzjon il-fatt li, fit-test adottat fit-tieni qari mill-Parlament Ewropew, l-ambitu tal-kontenut li jista' jiġi identifikat online fuq bażi volontarja mill-fornituri tas-servizzi ser jinżamm sa April 2028.

Madankollu, jinsabu mħassba ħafna dwar l-emenda adottata mill-Parlament Ewropew dwar l-esklużjoni ta' komunikazzjoni kriptata. Il-formulazzjoni użata hija wiesgħa ħafna.

L-awtoritajiet Franċiżi jqisu wkoll li l-konklużjonijiet tal-grupp ta' esperti dwar il-kriptaġġ stabbilit mill-Kummissjoni, li huma mistennija f'Novembru u li meħtieġa jipproponu pjan direzzjonali teknoloġiku, ma għandhomx jiġu preġudikati.

Bl-għan li ma jdewmux l-adozzjoni tat-test sabiex ir-rapporti jkunu jistgħu jitkomplew abbażi tar-Regolament ta' Deroga, huma japprovaw it-test iżda jiddispijaċihom li n-negozjati ma ppermettewx li l-kwistjonijiet rigward l-aċċess għad-data jitqiesu b'mod sodisfaċenti. Għandha ssir distinzjoni xierqa bejn dan it-test u l-abbozz ta' Regolament sabiex jinħoloq reġim durabbli għad-detezzjoni ta' kontenut ta' abbuż sesswali tat-tfal online.